# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. ROBERT G. MANGION

### SEDUTA TAS-27 TA' APRIL, 2023

**Kawża Numru: 10**

**Rik. Ġur. 819/2012 RGM**

**Korporazzjoni Enemalta**

**u permezz ta'  nota datata 2 t'Ottubru 2014,**

**Enemalta plc assumiet l-atti**

**vs.**

**Waste Oils Company Limited (C14999)**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors ġuramentat tal-14 ta' Awwissu 2012 is-soċjeta attriċi ġia Korporazzjoni Enemalta ppremettiet li hija għandha funzjoni, fost oħrajn, li tistabilixxi, tmexxi u tħaddem stallazzjonijiet għall-ħażna tal-pitrolju, żjut jew prodotti oħra relatati. Fissret ukoll li min-naħa l-oħra s-soċjeta konvenuta għandha l-funzjoni, fost oħrajn, li tiġbor, taħżen, tħallat, tirriċikla, ittejjeb il-kwalita u tiddisponi minn żjut jew skart ieħor li jkun riċiklabbi; li s-soċjeta konvenuta iddepożitat 3,895,000 litru *waste oils* u ċioe skart tal-prodotti tal-pitrolju f'tank proprjeta tagħha fl-installazzjoni ta' Ras Ħanżir, Kordin, li hija stallazzjoni ġestita mill-Korporazzjoni Enemalta, u dan wara li s-soċjeta konvenuta kienet tiġbor minn għand il-klijenti tagħha bħala parti mill-ftehim li hi jew soċjetajiet kummerċjali oħra b'parentela magħha, kien ikollhom ma' dawn il-klijenti; illi kien għalhekk li s-soċjeta konvenuta kellha responsabbilita li tiddisponi jew taħżen dawn il-prodotti sabiex eventwalment tirriċiklhom jew tiddisponi minnhom b'mod permanenti; illi dan kien sar wara li sar ftehim li tali depożitu jista' jsir sakemm is-soċjeta konvenuta tlesti l-impjant neċessarju sabiex taħżen dawn iż-żjut u sabiex hekk kif jitlesta l-imsemmi impjant, l-istess soċjeta konvenuta kellha tneħħi minnufih l-prodott depożitat fuq imsemmi; illi nonostante li s-soċjeta konvenuta bniet, stabbilit u qiegħda topera dan l-impjant u nonostante li ġiet interpellata diversi drabi sabiex tirrimwovi dan il-prodott mit-tank riferit, l-istess baqgħet inadempjenti nonostante li inizjalment issenjalat ir-rieda sabiex taddivjenti għal dik is-sejħa; illi kien għalhekk li s-soċjeta attriċi inkarigat, wara sejħa għal offerti, lis-soċjetajiet PT Matic Environmental Services Ltd u Teseco SpA, sabiex tneħħi l-prodott kollu mit-tank u dan spejjeż tas-soċjeta attriċi; illi għalhekk talbet lill-Qorti:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-soċieta ntimata kellha obbligu li tirrimwovi l-prodott depożitat minnha fit-tankijiet proprjeta tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. Tiddikjara illi n-nuqqas tas-soċieta ntimata illi tezegwixxi dan l-obbligu ikkawzat danni lill-Korporazzjoni li kellha hi stess, a spejjez taghha, tnejji l-prodott hekk depożitat mis-soċieta ntimata;

3. Tillikwida, okkorendo bin-nomina ta’ periti tekniċi, d-danni hekk ikkawzati lill-Korporazzjoni Enemalta;

4. Tikkundanna lis-soċieta ntimata tħallas lill-Korporazzjoni Enemalta d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-intimati sad-data tal-eventwali pagament.”

2. Rat li fil-5 t’Ottubru 2012 is-soċjeta konvenuta ppreżentat risposta ġuramentata li permezz tagħha eċċepiet preliminarjament li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili. Eċċepiet li mingħajr preġiduzzju huwa minnu li kien sar arranġament temporanju li ssir ħażna ġewwa Tank 24, f’Ras il-Ħanżir, Kordin, pero tgħid li ż-żjut tagħha ġew imħallta ma’ prodotti oħra ta’ terzi – u ċioe ilma – b’mod li huwa impossibbli għaliha li tirtira dak iż-żejt. Ir-raba’ eċċezzjoni tas-soċjeta konvenuta taqra hekk:

“Illi l-waste oil li ddepożitat il-kumpanija konvenuta kellu valur peress illi kien fih ammont konsiderevoli ta’ żejt li seta’ jiġi rriċiklat fil-faċilita’ li kienet qedha tibni l-kumpanija konvenuta u l-prodott riżultanti jinbigħ lil terzi, u għalhekk kien dejjem fl-interess tal-kumpanija konvenuta li tieħu dan iż-żejt

lura; illi minħabba li dan iż-żejt ġie *commingled* ma' ammont daqshekk sostanzjali ta' ilma, iżda, dan ma baqax possibbli peress li l-valur taż-żejt li kienet iddepożitat il-kumpanija konvenuta ma baqax hemm, anzi ma kien hemm ebda użu għal dan l-ilma u l-prezenza tiegħu kienet ser tikkawża obligazzjoni oneruża ta' fejn din il-kwantita' sostanzjali ta' ilma kienet ser tintrema ai termini tar-regolazzjonijiet relattivi."

Is-soċjeta konvenuta eċċepiet li hija dejjem iddeklinat kwalunkwe responsabbilita għall-ħlas. Tgħid li hija kienet aċċettat illi tneħħi ż-żejt skont l-arranġament, iżda kienet fl-impossibilita li tagħmel dan għar-raġunijiet fuq spjegati u għalhekk ma tistax tiġi addebitata la ksur kontratwali u lanqas fatt jew azzjoni jew ommissjoni illeċita u kolpuża. In oltre, is-soċjeta konvenuta ikkontestat il-figura ta' *discharge* ta' prodott allegatament minnhom magħmul u għalhekk ma tiġġustifikax l-ispiża pretiża u dan għaliex kien hemm inkluż anke spejjeż ta' tindif u tneħħija ta' prodotti *discharged* minn terzi.

3. Rat l-atti kollha tal-kawża.

4. Rat li <u>b'sentenza tal-24 ta' Settemrbu 2019 din il-Qorti diversament preseduta</u> <u>laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari</u> u ddikjarat li t-talba attriċi kienet preskritta ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili u għaddiet biex ċaħdet it-talbiet kollha tas-soċjeta attriċi.

5. Rat li minn din is-sentenza ġie interpost appell mill-attriċi u <u>b'sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fit-30 ta' Marzu 2022</u>, l-appell ġie milqugħ, tħassret is-sentenza appellata, u bgħatet l-atti lura quddiem il-prim' istanza sabiex jitkompla s-smigħ.

6. Rat illi wara l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell il-kawża ġiet riassenjata lill-qorti kif issa presjeduta.

7. Rat li l-kawża ġiet riappuntata għas-smiegħ u tħalliet għat-trattazzjoni finali.

8. Rat li sussegwentement il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

**Xhieda**

9. Xehed permezz t'affivadit l-**Avukat Damien Degiorgio** li spjega li huwa kien impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta bejn Awwissu 2001 u 31 ta' Diċemrbu 2011 fl-uffiċċju legali. Jgħid li huwa kien ġie involut fil-kwistjoni tar-rimozzjoni taż-żjut mit-tank 24 fl-installazzjoni ta' Ras Ħanżir u kien għalhekk li fi Frar 2007 kien kiteb lis-soċjeta konvenuta sabiex tneħħi l-prodotti tagħha mill-imsemmi tank. Jgħid li f'Marzu 2007 is-soċjeta konvenuta irrispondiet li kienet ser tieħu lura l-prodott tagħha. Jispjega li ġew skambjati korrispondenza ulterjuri bejn il-partijiet fejn ġie ndikat li kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-kwantita ta' prodott. Jgħid li s-soċjeta konvenuta naqset milli tneħħi dak il-prodott li kienet qiegħda tammetti li kienet iddipositat fit-tankijiet. F'Novembru 2009 is-soċjeta konvenuta ġiet interpellata permezz ta' ittra uffiċjali sabiex tersaq għal ħlas ta' spejjeż neċessarji għar-rimozzjoni tal-prodott relattiv iżda s-soċjeta konvenuta baqgħet ma resqitx. Jgħid li jifrakar li kienu saru diversi laqgħet fejn ġew diskussi diversi kwistjonijiet ma' uffiċċjali tas-soċjeta konvenuta b'dan illi ma nstabitx soluzzjoni għal din il-kwistjoni. Jispjega li kien għalhekk li s-soċjeta attriċi ħadet azzjoni biex tneħħi hi l-prodott kollu u tiddisponi minnu.

10. Xehed l-**Inġinier Philip Borg** permezz t'affidavit u spjega li ilu jaħdem mas-soċjeta attriċi fis-sezzjoni tal-petroleum mis-sena 1986. Spjega

li għal diversi snin huwa kien jassisti lil Alfred Mallia sakemm fis-sena 2004 huwa ingħata responsabilita għat-temxxija operattiva ta' dik is-sezzjoni wara li Mallia rtira. Jgħid li huwa jaf li bejn l-1996 u l-1997 l-Enemalta rċeviet rikjesti biex toffri ħażna temporanja għall-kollezzjoni ta' *waste oil* pero jgħid li huwa qatt ma ra dokumentazzjoni u qatt ma kien involut f'xi diskussjonijiet iżda sa fejn jaf huwa dan il-proġett kien tnieda mid-Dipartiment tal-Ambjent sabiex jiġi minimizzat ir-rimi tal-*waste oils* fil-kampanja. Kien għalhekk li l-Enemalta offriet it-tank RH24 f'Ras Ħanżir. Jgħid illi tul is-snin l-aktar kumpanija li kienet għamlet użu minn din il-faċilita kienet is-soċjeta konvenuta. Jgħid li kien hemm kumpanija oħra li kienet tagħmel xi *discharges* żgħar u l-Enemalta stess kienet poġġiet xi prodott tagħha fit-tank. Jispjega li tul is-snin it-tank RH24 kien ġie danneġġjat u beda dieħel l-ilma tax-xita fih billi beda jipperkola l-ilma mis-saqaf tat-tank. Spjega li f'Jannar 2011 ġew biex inaddfu t-tank mill-materjal kollu u fit-tank kien hemm is-segwenti prodotti:

a. Bottom stocks (Enemalta) 426,910 lts (prodott fit-tank qabel ma beda jirċievi l-*waste oils* jew *slops*)
b. Enemalta discharges 134,340 lts
c. Waste Oils Co Ltd discharge 3,895,900 lts
d. Bastjan Borg discharges 146,865 lts
e. Ilma mis-saqaf 3,078,385 lts (dħul ta' ilma tax-xita)

Jispjega li talli distribuzzjoni tal-prodotti tista' tiġi prodotta peress li kull darba li jsir depożitu l-uffiċjali tal-Korporazzjoni kienu jieħdu nota u jħallu rċevuta lil min ikun għamilha. Jgħid pero li "meta kien isir depositu ta' prodott mhux ta' kwalita tajba ma kienitx tinghata ricevuta, ghad li xorta kienet tittiehed nota tad-depositu fir-registri tal-Korporazzjoni u dan billi eventwalment kien car li l-ftehim kien li biz-zmien dan il-prodott kellu jitnehha u ghalhekk meta jigu biex inehhu l-prodott kellu jkun car kemm kien tpogga waste oils

u kemm kien tpogga skadenti, ilma mahmug nghidulu ahna, billi filwaqt illi l-waste oils ghandhom valur kummercjali dan l-ilma mahmug m'ghandux."[1] Kompla jispjega li meta huwa ħa tmexxija tas-sezzjoni huwa kien inkarigat jara x'ser isir mill-kontenut tat-tank. Kien għalhekk li peress li Waste Oils Co Ltd kelha aktar min-nofs il-prodott, hija kellha l-obbligu li tneħħi l-prodott tagħha meta jkollha l-installazzjoni tagħha u billi l-installazzjoni tagħha kienet qiegda topera huwa ikkomunika magħha sabiex tersaq għat-tneħħija tal-prodott. Spjega li Waste Oils qatt ma oġġezzjonat li tieħu l-prodott lura iżda kien hemm diżgwid dwar il-kwantita li kien ġie depożitat. Jgħid li mir-rendikont tal-Korporazzjoni bejn is-7 t'April 1998 u t-28 t'April 1999 is-soċjeta konvenuta kienet iddepożitat 3,895,900 litru  pero ħarġu rċevuti għal 2,143,000 litru u dan peress li l-uffiċjali kien jirriżultalhom li ċertu prodott li beda jinġab ma kien ta' kwalita suffiċjenti. Jgħid li r-rappreżentanti ta' Waste Oils Co Ltd kienu jafu li qegħdin jingħataw irċevuta biss meta jiddepożitaw prodott tajjeb. Spjega li huwa ġie informat li dan kien isir peress li kien hemm ftehim li l-prodott għandu jittieħed lura u għalhekk riedet tiġi evitata sitwazzjoni fejn is-soċjeta konvenuta tirreklama ammont ta' *waste oil* oltre dak li hija ddepożitat. Kompla jgħid li "fil-kamp taz-zjut it-tahlit ta' prodotti mhux noramli izda fil-kaz tal-waste oils dan isir billi dan huwa prodott li ma jkunx ghadu tajjeb biex jintuza. Fil-fatt dan il-prodott ikun ingabar minn diversi pompi jew stallazzjonijiet ohrajn u jithallat anke mill-istess entita jew individwu li tkun qeghda tiddepositah. Madankollu, ghad li m'huwiex xi prodott fin, jekk ikollok l-installazzjoni adegwata, li fil-fatt l-Waste Oils kienu fis-snin ikkummisjonaw, dan il-prodott jista' jigi rfinat u kumercjalizzat. Izda nzid li Waste Oils kienu jafu li tank wiehed kien jintuza u li l-prodott kien jithallat."[2] Spjega li t-taħlit b'ebda mod ma kien inaqqas il-valur tal-prodott depożitat. Josserva li l-kwistjoni

[1] Fol 68 tal-proċess.
[2] Fol 69 tal-proċess.

tat-taħlit ta' prodotti qatt ma tqajmet qabel nonostante li kien dejjm ċar li l-prodott qiegħed jitħallat. Osserva wkoll li s-soċjeta konvenuta stess taf li kienet qiegħda tiddepożita ilma fit-tankijiet meta f'korrispondenza elettronika tagħha stess għamlet referenza għal *oily waters*. Jgħid li huma damu jinsistu mas-soċjeta konvenuta sabiex jersqu għar-rimozzjoni tal-prodott tagħhom iżda qatt ma ħadu responsabbilita. Kien għalhekk li Enemalta kellha tneħħi ż-żjut hi u karigat lil PT Matic Environemtnal Services Ltd li ħadet ħsieb tneħħi l-prodott u esportatu lejn installazzjoni f'Ġibilta li kienet approvata u kellha l-mezzi sabiex tiddisponi minn dan it-tip ta' prodott. Il-ġarr seħħ fi tliet darbiet u ċioe 6 ta' Jannar 2011, 17 ta' Jannar 2011 u 1 ta' Frar 2011. Jispjega li l-operazzjoni saret kompletament a spejjeż tal-Enemalta u jaħlef li l-ammont globali li tneħħa kien ta' 7,682.400m$^3$ għas-somma totali ta' €452,032.42 mingħajr VAT. Jispjega li l-ispiża li għandha ġġor is-soċjeta konvenuta huwa in proporzjoni mal-ammont minnha depożitat u għalhekk jgħid hekk: "fit-tankijiet kien hemm prodott globali ta' 7,682,400 litri, ekwivalenti għal 7,682.400m$^3$. Illi minnhom 3,895,900 lts, ekwivalenti għal 3,895.900m$^3$, tpoġġew fit-tank minn Waste Oils Limited. Dan huwa ekwivalenti ghal 50.7%, tal-prodott fit-tank li sewa €229,234.76 sabiex jitnehha. Ghalhekk fil-fehma tal-Enemalta, Waste Oils Company Limited ghandhom igorru l-parti taghhom tar-responsabilita li tammonta ghal €229,234.76 iggifieri 50.7% ta' l-ispiza sabiex jigu svojtati t-tankijiet."[3]

11. Xehed permezz t'affidavit **Godfrey Scicluna**, *accountant* mas-soċjeta attriċi fis-sezzjoni tal-petroleum mis-sena 1990. Spjega li huwa jaf li s-soċjeta konvenuta kienet tiddepożita xi prodott fit-tank 24 ġewwa Ras Ħanżir. Jgħid li fil-bidu tas-sena 2011 kienet tqabdet il-kumpanija PT Matic Environmental Services Ltd, wara proċess ta' *tendering*, sabiex tneħħi l-

[3] Fol 70 tal-proċess.

prodott kollu minn dan it-tank u tħalset is-somma globli ta' €452,032.42. Spjega li dawn iċ-ċifri nħadmu fuq l-ammont li tneħħa mit-tank u r-rata li biha ngħata fit-*tender*. Bħala VAT l-Enemalta ħalset €81,365.84, liema somma hija rkuprat.

12. Xehed **Alfred Mallia** permezz t'affidavit. Spjega li huwa kien jaħdem mal-Korporazzjoni sa mill-1961 fejn beda dak iż-żmien mal-Gas Board li imbagħad fis-sena 1977 saret parti mill-Korporazzjoni u kmieni fis-sena 1978 ġie assenjat xogħol fit-Taqsima tal-Petroleum u fis-sena 1986 ġie maħtur Kap tat-taqsima. Spjega li meta l-gvern beda jaħseb biex jibda jinġabar l-*waste oils* mill-industriji, mekkaniks u probabbilment anke minn fuq xi vapuri li jkunu fil-portijiet, kien ġie mwaqqaf kumitat biex jieħu ħsieb kif għandha ssir l-organizzazzjoni għat-tali ġbir. Jgħid li huwa attenda laqgħa waħda jew tnejn fil-bini tad-Dipartiment tas-Sanita pero kompla jattendi l-laqgħat uffiċċjal ieħor. Spjega li Joe Falzon, il-*managing director* ta' Falzon Group li taħtha taqa l-kumpanija konvenuta, kien infurmah li kienet ser torganizza l-ġbir tal-prodotti. Jgħid li Falzon kien talbu diversi drabi sabiex jibda jaħżen dawn il-fdalijiet pero huwa dejjem irrifjuta u dan minħabba l-kwalita u r-riskju ta' taħlit (kontaminizzjonijiet) mal-prodotti tal-Korporazzjoni. Jinsisti li dan ir-rifjut għamlu kemm bil-kelma kif ukoll b'minuti tiegħu f'diversi files tal-korporazzjoni. Spjega li bejn l-1996 u l-1998, id-deputat Chairman Joe Fountain kien talbu bil-miktub u anke waqt laqgħat sabiex Falzon Group jitħallew jaħżnu dawn il-prodotti f'Ras Ħanżir iżda huwa baqa joġġezzjona. Ġara pero li darba fost l-oħrajn Fountain kien infurmat li Falzon Group kienu jistgħu jaħżnu l-waste oils f'tank 24 f'Ras Ħanżir. Jgħid li Fountain kien infurmah li dak kien arranġament temporanju sakemm ta' Falzon ikollhom fejn jaħżnu u li s-servizz kien ser jingħata bla ħlas. Spjega li Waste Oils kienu marbutin li jieħdu l-prodott lura meta jlestu l-installazzjoni tagħhom. Jgħid ukoll li t-tank fl-ebda ħin ma ingħata lis-

soċjeta konvenuta b'esklussivata u kien ċar li kemm il-Koporazzjoni kif ukoll terzi setgħu jibqgħu jużaw dak it-tank. Spjega li l-kumpanija Bastjan Borg ġieli tefgħet xi kwantita żgħira f'dik l-installazzjoni. Xned li ebda waħda minn dawn iż-żewġ kumpaniji qatt ħadu lura xi kwantita mill-prodott minnhom depożitata, almenu sakemm kien għadu impjegat mal-Korporazzjoni.

13. Xehed permezz t'affidavit ukoll **William Decelis**, impjegat ma' Enemalta fis-sezzjoni tal-Procurement bħala Procurmenet Coordinator. Ikkonferma li parti mit-Tender għar-Removal and Disposal of Fuel Oil Sludge from Enemalta Marsa PS and Wied Dalam and Waste Oil from Ras Hanzir Installation ġie assenjat fil-5 ta' Novembru 2010 lill-kumpanija PT Matic Environmental Services Ltd / Teseco SpA – Joint Venture. Spjega li din il-kumpanija intagħżlet billi ġie konkluż mill-Evaluation Committee li għamlet l-aktar offerta vantaġġjuża għal Korporazzjoni għal dik il-parti tal-proġett.

14. Xehed ukoll **Charles Cardona** li ilu jaħdem mill-1991 fl-installazzjoni ta' Ras Ħanżir u xogħlu kien li jieħu ħsieb id-depożiti fit-tankijiet. Spjega li dan ix-xogħol kien isir billi jinżammu reġistri bid-depożiti li kienu qegħdin isiru u billi jagħtu rċevuta tal-prodott lil min kien jagħmel id-depożitu. It-tank 24 beda jintuża għal waste oils/sludge u kienu jużawh l-aktar Waste Oils Ltd. Ix-xhud għamel referenza għal-*ledger* minnhom miżmum u li ġie ppreżentat fil-mori tal-kawża.[4] Spjega li huma ma kinux joħorġu rċevuti għal kull konsenja li kienet tagħmel is-soċjeta konvenuta għalkemm kienu jieħdu nota ta' kull depożitu fir-reġistru. Jispjega li dan kien isir għaliex mhux dejjem kien jinġib prodott li kien jikkwalifika bħala *waste oil* jew *sludge*, iżda kienu jġibu dak li jissejjaħ ilma maħmuġ. Jaħlef li r-rappreżentanti tas-soċjeta konvenuta kienu jafu li huma ser jingħataw rċevuta meta jiddepożitaw prodott tajjeb u mhux meta jiġi depożitat prodott ta' kwalita

[4] Jinsab fol 38 et seq tal-proċess.

mhux tajba. Spjega li s-soltu ma jsirx taħlit ta' prodotti pero dan m'għandux detriment meta jsir taħlit ta' waste oils billi dak il-prodott m'għandux xi elementi partikolari, tant li meta jiġu jiddepożitaw il-waste oil kien ikun ġej minn postijiet differenti. Spjega li jekk il-waste oil ikun imħallat mal-ilma, dan dejjem jista jiġi separat.

15. Xehed b'affidavit **Gaetano Callus** fejn spjega li bejn l-1981 u 2011 huwa kien jaħdem mal-Enemalta u għal diversi snin ħadem fis-sezzjoni tal-Petroleum bħala Senior Technical Officer, fejn xogħlu kien li jieħu kont u jsegwi d-depożiti ta' prodotti li jsiru fit-tankijiet tal-Korporazzjoni. Spjega li dan kien isir billi jżommu reġistru bid-depożiti li jsiru u jagħtu rċevuta tal-prodott lil min kien jagħmel id-depożitu. Kompla jgħid hekk: "Nzid ukoll li ahna konn nahdmu taht sistema fejn il-prodott li jigi depositat fil-kazijiet kollha tista tghid jittiehed lura minn min jiddepositah u ghalhekk kien ikun ta' mportanza kbira li nzommu figuri precizi tal-prodott li qieghed jigi depositat billi eventwalment minn kien qed jiddeposita l-prodott kien ser jitlob il-prodott depositat lura."[5] Spjega li fis-sena 1998 it-tank 24 f'Ras Ħanżir ġie dedikat għal waste oils, liema tank jgħid li kien jintuża kważi biss mill-kumpanija konvenuta. Jgħid li tul is-snin it-tank konċernat kellu xi ħsarat u kien beda dieħel l-ilma tax-xita fih. Jassigura li s-soċjeta konvenuta iddepożitat fit-tankijiet tal-Korporazzjoni l-ammonti indikati fir-reġistru ippreżentat fil-kawża. Spjega wkoll li huma ma kinux joħorġu rċevuta għal kull konsenja li kienet isir mis-soċjeta konvenuta għalkemm kienu jieħdu kont tad-depożiti kollha li kienu jsriu u dan għaliex mhux dejjem kien jinġib prodott li jikkwalifika bħala waste oils jew sludge iżda kienu jġibu ilma maħmuġ u li tiegħu ma kinux jagħtu rċevuta. Peress li dan ma kellux valur, ma kienx jinħareġ rċevuti għalih. Spjega li r-rappreżentanti tas-soċjeta konvenuta kienu jafu li huma kienu jingħataw rċevuta biss meta kienu

[5] Fol 76 tal-proċess.

jiddepożitaw prodott tajjeb u mhux meta kienu jiddepożitaw prodott ta' kwalita inferjuri. Callus ukoll jispjega li s-soltu ma kienx isir taħlit ta' prodotti pero ma kienx hemm detriment meta kien isir taħlit ta' waste oils tant li kienu jiġu bi prodotti ġia mħalta. Jgħid li l-ilma dejjem jista' jiġi sseparat mill-waste oils.

16. Xehed l-**Inġinier Salvatore Aldo k/a Saviour (Silvan) Mugliett** permezz t'affidavit fejn spjega li huwa jaħdem fis-sezzjoni tal-Procurment mas-soċjeta attriċi u jieħu sehem fl-evalwazzjoni tat-tenders. Jgħid li huwa kien ic-chiarman tal-Bord tal-evalwazzjoni fuq it-Tender għar-Removal and Disposal of Fuel Oil Sludge from Enemalta Marsa PS and Wied Dalam and Waste Oil from Ras Hanzir Installation. Spjega li dan it-*tender* ġie assenjat fil-5 ta' Novembru 2010 lill-kumpanija PT Matic Environemtnal Services Ltd / Teseco SpA – Joint Venture u ċioe l-kumpanija li tat l-offerta ekonomikament vantaġġjuża. Dan it-tender kien jiknsisiti fost oħrjan fi ġbir u tneħħija ta' żejt ħażin maħżun f'tank 24 f'Ras Ħanżir. Ix-xhud għadda sabiex spjega l-proċess tal-għażla. Huwa jgħid li saru erba' offerti fejn waħda minnhom twarbet minħabba li l-garanzija bankarja ma kinitx skont il-formola speċifikata fit-Tender. It-tenderers l-oħra nstabu amministrivament tajbin u għaddew għall-evalwazzjoni teknika. L-offerti ġew evalwati skont il-kriterji ta' organizzazzjoni u metodoloġija li ġew ippubblikati u spjegati fid-dokument tat-Tender. Peress li t-tliet tenderers ġabu marka li kienet mill-anqas 60% fl-evalwazzjoni teknika kien ġie rakkomandat li t-tliet tenderers jgħaddu għal evalwazzjoni finanzjarja. Din ir-rakkomandazzjoni ġiet aċċettata mill-Kumitat tal-Kuntratti Ġenerali u b'hekk infetaħ il-pakkett finanzjarju ta' dawn it-Tenderers. Ix-xhud ppreżenta kopja tad-dokument bil-prezzijiet, liema prezzijiet intużaw biex inħadem il-punteġġ finanzjrju tat-tliet Tenderers. Mill-punteġġi irriżulta li l-

ogħla punteġġ finali nkiseb minn PT Matic / Teseco SpA u għalhekk kien irrakomandat li jingħata dik il-parti tat-tender.

17. Xehed **David Gauci**, chemist kwalifikat, espert ex parte tal-korporazzjoni attriċi. Jgħid li huwa mpjegat ma' Save Board fejn xogħlu huwa li jassessja l-kwalita tal-prodotti tal-petroleum. Ix-xhud spjega li waste oils huma kwalunkwe prodott li biex jintuża ikun irid jerġa jiġi proċessat. Jispjega li waste oil jista' jkun eżempju żejt imħallat mal-ilma prodott ta' meta jinħasel bastiment li jkun ser iġorr prodott differenti minn dak ta' qabel eżempju jaħsel id-diesel biex jgħabbi petrol. Spjega li m'hemmx speċifikazzjonijiet internazzjonali ta' x'inhu waste oil. Ix-xhud jispjega li biex dan jerġa jintuża, dan mhux sempliċiment jitħallat ma' xi prodott ieħor u jiġi tajjeb iżda jrid jerġa jiġi proċessat. Dan huwa proċess li jikkonsisti f'ħafna proċessi billi l-ewwel jitneħħew *salts,* imbagħad jitneħħa l-ilma permezz ta' centrifuge, "imbagħad ipoġġuhom f'atmospheric distillation, jibdew jisseparw, ir-residue li jkollok, ipoġġuh at vacuum distillation jerġgħu ikomplu jisseparaw. Issa x'jagħmlu b'dak il-vacuum gas oil li joħroġ, hemmek jista' jvarja ħafna mir-raffinerija għal oħra."[6] Ix-xhud spjega li l-*waste oils* kollha huwa reċiklabbli barra l-ilma li joħroġ minn dak iż-żejt. Meta ġie mistoqsi jekk Malta hawn raffineriji ta' waste oils, ix-xhud jgħid li l-unika waħda hija Waste Oils Ltd li għandha **centrifuge** pero x'jagħmlu bil-prodott li jieħdu huwa ma jafx.

18. Xehed **Derek Broadley**, direttur tas-soċjeta PT Matic Environmental Services, kumpanija speċjalizata fl-immaġinjar ta materjali perikolużi. Ikkonferma li huma s-sottomettew l-offerta tagħhom għal tender maħruġ minn Enemalta u li kien ġie lilhom assenjat ix-xogħol tat-tneħħija ta' żjut minn tank 24 f'Ras Ħanżir. Spjega li huma kkuntrattaw mal-kumpanija

[6] Fol 150 tal-proċess.

Waste Oil Ltd (ċioe l-kumpanija konvenuta) sabiex tipprovdi bastiment sabiex iġorru l-materjal lejn Ġibilta. Ix-xhud ġie muri l-fatturi li jinsab a fol 58 sa 60 u kkonferma li kienu fatturi maħruġa minnhom lil Enemalta u kkonferma wkoll li l-ammonti hemm indikati ġew imħallsa kompletament.

19. Is-soċjeta konvenuta resqet bħala xhud lil **Joseph Falzon,** CEO tagħha. Beda billi spjega li fis-sena 1998 / 1999, il-Ministeru tal-Ambjent kien ried li jinġabru ż-żjut il-ħżiena. Jgħid li huma kienu ġew inkarigati sabiex jiġbru ż-żjut tal-garaxxijiet, tal-industrija u żjut oħra li kienu relatati ma' vetturi u kienu qalulhom sabiex jitfawh f'installazzjoni ta' Ras Ħanżir. Jgħid li kull darba li kienu jmorru bil-bowser, kienu jinataw rċevuta iffirmata. Jgħid li mid-dokumentazzjoni li għandhom, jidher li huma kienu ħattew madwar 2,100 metru kubu. Ix-xhud jgħid li huma ma kellhom ebda arranġament ma' Enemalta iżda mad-Dipartiment tal-Ambjent. Meta ġie mistoqsi min kien indikalhom tank 24, ix-xhud jgħid li huma ingħataw struzzjonijiet sabiex iż-żejt li jinġabar u jiġi depożitat hemm. Spjega li għadda ż-żmien u huma rċievew ittra sabiex ineħħu dak iż-żejt. Meta ppruvaw ineħħu l-kwantita ta' żejt li huma depożitaw (u ċioe 2,200 metru kubu skont ix-xhud) hemm saru jafu li kienu daħlu aktar materjali ta' terzi li ma kinux jafu bihom. Huwa jgħid li huma dejjem żejt tefgħu. Ix-xhud jgħid li kien hemm ħafna ilma fit-tank li kien daħal mill-blat (għax dan huwa tank imqatta fil-blat u mhux tank tal-ħadid). Ix-xhud jgħid li l-ewwel kommunikat minn Enemalta biex ineħħu l-materjal kien fl-2003. Jgħid li huma riedu jieħdu ż-żejt għax huwa *raw material* u jiswa l-flus iżda kien hemm problema tal-ilma li l-ewwel kellu jitneħħa dak u allura kellu jinsab post fejn tiddisponi minnu u dan għaliex il-kapaċita tat-tankijiet tagħhom kien ta' 100m$^3$ u huma għandhom 6 tankijiet.

In kontro-eżami x-xhud jgħid li huma qatt ma kellhom arranġament li jieħdu ż-żjut lura iżda meta ġew mitluba jieħdu ż-żjut lura huma kienu lesti li jieħduh lura biex ikunu jistgħu jużawh huma u jirriċiklawh pero dak ma setax jieħdu għaliex huma ż-żejt riedu u Enemalta riedu li jibdew minn isfel sakemm jitbattal it-tank, pero biex jasal għaż-żejt l-ewwel ried ibattal 4,500 jew 5,000 metru kubu ilma għaliex Enemalta ma riditx tneħħi l-ilma. Jgħid li kien id-Dipartiment tal-Ambjent li għamel arranġament mal-Enemalta biex huma jkunu jistgħu jiddisponu miż-żjut f'Ras Ħanżir. Jgħid li qatt ma tkellmu dwar x'ser isir minnu. Għall-mistoqsija jekk l-arranġament kienx bil-fomm jew kitba, ix-xhud jgħid li ma kien hemm xejn. Jgħid li kieku kien hemm l-arranġament li huwa jieħu l-prodott lura, huwa kien jagħmlu bil-miktub biex ikollu l-assikurazzjoni li jieħdu lura. Ix-xhud kompla jgħid li huma tilfu l-flus għaliex huma kellhom f'moħħhom illi meta jiġbru ż-żejt, kienu ser jagħmlu l-flus għaliex kien jiswa sew dak iż-żmien, imma ma setgħu jagħmlu xejn għax kien fih l-ilma.

**Fatti**

20. Mix-xhieda prodotti jirriżutaw il-fatti segwenti.

21. Lejn l-aħħar tas-snin disgħin is-soċjeta' konvenuta iddepożitat volum konsiderevoli ta' *waste oils* ċioe skart tal-prodotti tal-pitrolju mas-soċjeta attriċi preċiżament fit-tank numru 24 li jinsab fl-installazzjoni ta' Ras Ħanżir, Kordin. Din il-ħidma kienet saret wara inizjattiva mid-Dipartiment tal-Ambjent sabiex jiġi minimiżżat r-rimi tal-waste oils fil-baħar u fil-kampanja mill-industriji, mekkaniks u vapuri li jkunu fil-portijiet kif ukoll jevita l-użu abbużi u llegali ta' dawn il-prodotti fil-fran u postijiet oħra. Mix-xhieda mressqa jidher li kien l-imsemmi dipartiment li avviċina lis-soċjeta

konvenuta sabiex tiġbor dan l-iskart. Il-ħażna kienet qiegħda ssir fil-faċilita' tal-attriċi in vista li s-soċjeta konvenuta kienet għadha ma lestitx l-impjant li permezz tiegħu kienet ser tkun tista' taħżen u tirriċikla dawn iż-żjut.

22. Fl-atti ma ġie ppreżentat l-ebda ftehim bil-miktub.

23. Jidher li l-ftehim kien sar bil-fomm iżda permezz ta' ittra datata 9 ta' Diċembru 1998 mibgħuta liċ-Chairman tal-Korporazzjoni attriċi, is-Sur Joseph Falzon qua direttur tas-soċjeta konvenuta kiteb dan li ġej: "*We refer to our storage of waste oil at one of the Coporation's tanks in Ras Ħanżir Installation and advise that we shall start uplifting same as soon as our depot is in position to receive and recycle waste oil next year.*"

24. Ġara iżda li s-soċjeta konvenuta ma ġabritx iż-żjut depożitati minnha f'dan it-tank malli saru disponibbli l-impjanti ġodda tagħha.

25. B'ittra tal-14 ta' Lulju 2003, il-Korporazzjoni attriċi informat lis-soċjeta konvenuta li għandha tneħħi b'mod immedjat u sa mhux aktar tard mit-18 ta' Lulju 2003, iż-żjut maħżuna f'Tank 24, Ras Ħanżir. L-ittra kompliet li "*The Corporation will invoice you for the storage of these 'waste oils' and for the cleaning of the tank and pipelines*."[7] Għal din l-ittra s-soċjeta konvenuta rrispondiet mill-ewwel u qalet li hija kienet qiegħda tgħin lid-Dipartiment tal-Ambjent meta ġabret iż-żjut u *oily waters* u fl-ebda mument ma kienet ġiet informata li ser ikun hemm spejjeż għall-ħażna u tindif ta' tankijiet u pipelines.

26. Bħal donnu għal xi żmien il-korrispondenza bejn il-partijiet waqfet hemm.

[7] Fol 25 tal-proċess.

27. Mill-atti jirriżulta li kważi erbgħa snin wara il-korporazzjoni attriċi kitbet permezz ta' ittra datata 26 ta' Frar 2007 fejn reġgħet intimat lis-soċjeta konvenuta sabiex tneħħi mit-tank inkwistjoni l-prodott depożitat minnha. B'ittra datata 7 ta' Marzu 2007 s-soċjeta konvenuta informat lill-korporazzjoni attriċi li "tinsab lesta illi tiehu lura l-prodott illi hi poggiet fit-tank numru 24 fl-istallazzjoni ta' l-Enemalta f'Ras Hanzi. Il-Kumpanija qedha tistenna struzzjonijiet minghand il-Korporazzjoni ghal dan il-ghan."[8] Il-korporazzjoni attriċi irrispondiet fit-12 t'April 2007 sabiex tiġi informata "when you intend to start sending the barge to uplift this material, so that we could make the necessary arrangements. Every effort should be done to minimize the time between barge loads."[9] In risposta s-soċjeta konvenuta talbet sabiex issir laqgħa sabiex jiddiskutu it-tneħħija taż-żjut ħżiena.

28. Jidher minn ittra datata 7 ta' Mejju 2007 li laqgħa fil-fatt saret fis-27 t'April 2007 ġewwa l-Power Station tal-Marsa. F'din l-istess ittra il-korporazzjoni attriċi għal darba oħra interpellat lis-soċjeta konvenuta sabiex b'mod immedjat tieħu dawn il-passi neċċessarji sabiex jitneħħa l-materjal mingħajr aktar dewmien. B'ittra datata 14 ta' Mejju 2007, in risposta għall-ittra tas-7 ta' Mejju 2007, is-soċjeta konvenuta kkontestat il-volum ta' żjut minnha maħżun u tgħid li l-volum huwa ta' 2,144,000 litri u kienu ser jieħdu passi immedjati sabiex jitneħħa dak l-ammont. In segwietu għal din l-ittra kienet saret korrispondenza elettronika, kollha datata 18 ta' Mejju 2007, fejn il-korporazzjoni attriċi bagħtet ir-rendikont tagħha ta' kif waslet għal volum minnha indikat. In risposta s-soċjeta konvenuta spjegat li hija m'għandha l-ebda rendikont ta' prodotti maħżuna fis-sena 1998 u wkoll li volumi msemmija għas-sena 1999 ma kienux jaqblu mac-chits mogħtija lilhom. In segwietu għal dan ġie ssuġġeriet mill-korporazzjoni attriċi li ssir

[8] Fol 11 tal-proċess.
[9] Fol 12 tal-proċess.

laqgħa bejn l-uffiċċjal ta' Ras Ħanżir u rappreżentant tas-soċjeta konvenuta. Jekk din il-laqgħa saritx ma jirriżultax mill-atti.

29. Jirriżulta pero' li l-prodott baqa' ma ġiex imneħħi mis-soċjeta' konvenuta.

30. Għandu jingħad li mill-atti rriżulta wkoll li fit-tank 24 fl-installazzjoni li tinsab f'Ras Ħanżir saru depożiti ta' materjal kemm mil-korporazzjoni attriċi stess u anke minn terżi. In oltre matul is-snin is-saqaf tat-tank in kwistjoni ġie danneġjat u beda dieħel l-ilma tax-xita fih u biex ma jiġix f'riskju li jfur, il-Korporazzjoni riedet lis-soċjeta konvenuta tiġbor il-prodott.

31. Fit-30 ta' Ottubru 2009, il-korporazzjoni attriċi ħarġet tender għat-tneħħija u rimi ta' waste oil mill-installazzjoni ta' Ras Ħanżir. Sussegwentement fil-11 ta' Novembru 2009, l-istess korporazzjoni preżentat ittra uffiċjali permezz ta' liema interpellat lis-soċjeta konvenuta sabiex "tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas t'ammonti dovuti għar-rimozzjoni ta' waste oils tagħkom depożitati fit-tankijiet tal-Korporazzjoni mittenti."[10]

32. It-tender fuq imsemmi ġie assenjat fil-5 ta' Novembru 2010 lill-kumpanija PT Matic Environmental Services Limited/Teseco SpA – Joint Venture. Ir-rata mogħtija mill-imsemmi kumpanija kienet waħda fissa ta' €58.84 kull metru kubu flimkien ma' €10.59 dazju, taxxi u VAT.

33. Wara li tlesta x-xogħol mill-kumpanija PT Matic Environmental Services Limited/Teseco SpA – Joint Venture, inħarġu tlett fatturi datati 14 ta' Jannar 2011, 21 ta' Jannar 2011 u 4 ta' Frar 2011 fejn juru li tneħħa 7,682.40 metru kubu ta' waste oils li saret għal spiża globali ta' €452.032.42. In vista li s-soċjeta konvenuta naqset milli tneħħi l-materjal minnha d-depożitat u

[10] Fol 7 tal-proċess.

naqset ukoll milli tersaq għal ħlas tad-danni sofferti mis-soċjeta Enemalta, tal-aħħar intavolat l-azzjoni odjerna fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti tordna lis-soċjeta Waste Oils Co. Ltd tħallas id-danni in proporzjon tal-prodotti minnha depożitati.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

**Inadempjenza ta' Obbligu Kontrattwali.**

34. Il-pretensjoni tal-attriċi hija msejsa fuq allegazzjoni ta' inadmpjenza ta' obbligazzjoni kuntrattwali da parti tal-konvenuta.

35. Is-soċjeta konvenuta għarfet li din hija azzjoni imsejsa fuq obbligazzjoni kuntrattwali tant li fit-tieni eċċezzjoni tagħha eċċpiet li "kif jirriżulta mill-iskambju ta' korrispondenza esebita, **kien sar arranġament** fejn il-Korporazzjoni attriċi kienet ippermettiet lill-konvenuta sabiex taħżen jew tiddepożita waste oil f'Tank 24, f'Ras Hanżir, Kordin, sakemm il-faċilita' tal-konvenuta tal-Waste Oils fil-Marsa, tkun operativa [...]." Ma' dan jiżdied li anke l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni kienet waħda kwinkwenali u ċioe l-preskrizzjoni applikabbli għal azzjoni bbażata fuq kuntratt. L-istess ħsieb baqa' jissussisti sal-fażi tan-noti ta' sottomissjonijet tant li fin-nota responsiva, is-soċjeta konvenuta bdiet in-nota tagħha billi osservat li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq allegat obbligu kontrattwali [...]"[11]

36. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Marzu 2022 fl-ismijiet premessi waslet għall-konklużjoni li l-azzjoni attriċi hija waħda msejsa fuq obbligazzjoni kuntrattwali. Qieset li bl-ittri ad-9 ta' Diċembru 1998, tas-7

[11] Fol 241 tal-proċess.

ta' Marzu 2007 u tat-18 t'April 2007 is-soċjeta konvenuta għarfet li hija għandha obbligazzjoni.

37. Il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi,

"Ir-responsabilità għal danni kuntrattwali hija konsegwenza ta' inadempiment ta' obbligazzjoni kuntrattwali; għarfien ta' dik l-obbligazzjoni huwa għalhekk neċessarjament ukoll għarfien tal-konsegwenzi tal-inadempiment ta' dik l-obbligazzjoni."

38. Il-Qorti għalhekk qed tikkonsidra l-azzjoni attriċi bħala waħda naxxenti minn **obbligazzjoni kuntrattwali**.

39. **Artikolu 960** tal-Kodiċi Ċivili jiddefinixxi kuntratt bħala "konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn min-nies jew iżjed, illi bih tiġi magħmula, regolata, jew maħlula obbligazzjoni". Meta kull parti fil-kuntratt tintrabat sabiex teżegwixxi obbligazzjoni, il-kuntratt huwa b'titolu oneruż.[12] Il-parti fil-kuntratt li tonqos milli teżegwixxi l-obbligazzjoni hi obbligata li tħallas ghad-danni.[13] Fis-sentenza **Gaetano Spiteri pro et noe vs. Thomas sive Tom Castle** deċiża mill-Prim' Awla fit-18 t'Awwissu 1965 ingħad li "*colpa* jew responsabbilta` kuntrattwali tirrisali għal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat għandu favur il-parti l-oħra"[14].

40. F'deċiżjoni in parte mogħtija fit-3 ta' Lulju 2003 minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Av. Dr Louis Cassar Pullicino noe vs.**

[12] **Artikolu 962 (1)** tal-Kodici Civili.
[13] **Artikolu 1125** tal-Kodici Civili.
[14] Ippubblikata XLIX.ii.1027.

**Angelo Xuereb pro et noe** (Cit Nru 1264/1991/1), danni *ex contractu* ġew deskritti b'dan il-mod:

> "Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni *nascenti* mir-responsabbilita' *contrattuale* l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu oneru ta' prova iktar difficli impost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll. [...] hemm obbligazzjoni antecedenti ghall-att jew ommissjoni li tat lok ghall-incident [...]"

41. Skont l-**Artikolu 1133** tal-Kodiċi Ċivili "Id-debitur, ukoll jekk ma jkunx mexa b'mala fidi, jiġi kkundannat għad-danni, jekk ikun hemm lok, sew minħabba li jkun naqas għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni kemm ukoll minħabba d-dewmien fl-esekuzzjoni tagħha, kemm-il darba hu ma jippruvax illi n-nuqqas tal-esekuzzjoni jew id-dewmien sar minħabba xi ħaġa barranija li tagħha huwa ma kienx ħtija."

42. Fis-sentenza **AX Construction Limited vs. Tony Mallia Bonello** (App Civ 663/2001) deċiża fl-10 ta' Ottubru 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> "In tema, hu pacifikament stabbilit f'bosta decizjonijiet illi l-kreditur ghandu jipprova l-inadempiment tad-debitur. Una volta jirnexxielu jaghmel dan, jaqa' mbaghad fuq id-debitur il-piz li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija li taghha hu ma

kienx responsabbli. Jigifieri sta ghad-debitur li jipprova li hu ma kellux htija billi adopera d-diligenza tal-bonus paterfamilias. Jekk dik il-prova ma ssirx, id-debitur jitqies fi htija u jidhol responsabbli ghad-danni. Ara a propozitu, fost ohrajn, sentenzi a Vol. XXVII P I p 912; Vol.XXXVII PI p 197 u Vol. XXXIX PII p 585;"

43. Applikati l-liġi u l-ġurisprudenza fuq ċitata għall-każ odjern il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

44. Ingħad minn Enemalta li fis-snin 1998 u 1999, is-soċjeta konvenuta ddepożitat numru ta' hekk imsejjaħ *waste oils* f'tank 24 tal-installazzjoni ta' Ras Ħanżir, Kordin. Is-soċjeta konvenuta tikkonferma li hija kienet tagħmel użu mill-installazzjonijiet li kien hemm f'Ras Ħanżir sabiex tiddepożita l-*waste oils* li hija kienet tiġbor m'għand il-klijenti tagħha. Dak li kkontestat is-soċjeta konvenuta matul iż-żmien kien primarjament il-volum li hija ddepożitat u wkoll li hija bdiet tiddepożita fis-sena 1999. Dawn huma żewġ kwistjonijiet u oħrajn ser jiġu trattati aktar 'l quddiem f'din is-sentenza.

45. Jirriżulta mit-tieni eċċezzjoni tar-risposta ġuramentata li "L-intendiment kien illi l-konvenuta tirtira l-waste oil tagħha malli tkun f'posizzjoni li tagħmel dan, u ċioe' wara li l-faċilita' tagħha ssir operativa." Tali intendiment jidher ċar ukoll fl-ittra tad-9 ta' Diċembru 1998 meta s-soċjeta konvenuta informat lil Enemalta li "*we shall start uplifting same as soon as our depôt is in position to receive and recycle waste oil next year*", u wkoll fl-ittra tas-7 ta' Marzu 2007 meta s-soċjeta konvenuta kitbet li ""Waste Oils Company Limited tinsab lesta illi tieħu lura l-prodott li hi poġġiet fit-tank numru 24 fl-istallazzjoni tal-Enemalta f'Ras Ħanżir".

46. L-obbligazzjoni tas-soċjeta konvenuta – *a contrario* ta' dak li jgħid Joseph Falzon fix-xhieda tiegħu – allura kienet li **terġa tieħu lura l-*waste oils* li hija kienet ddepożitat mas-soċjeta attriċi**.

47. Imiss jiġi meqjus jekk kienx hemm inadempjenza min-naħa tas-soċjeta konvenuta li tonora l-obbligazzjoni kuntrattwali. Mill-provi mresqa mis-soċjeta attriċi u mhux kontestati mis-soċjeta konvenuta, jirriżulta li Waste Oils Co Ltd naqset milli tonora l-obbligu tagħha fuq imsemmi. Is-soċjeta konvenuta stess tikkonferma li hija ma ħaditx lura l-*waste oils* li hija kienet iddepożitat. Dan iwassal lill-Qorti tikkonkludi li s-**soċjeta konvenuta kienet inadempjenti**.

48. Is-soċjeta konvenuta tgħid illi r-raġuni prinċipali għaliex ma ħaditx lura l-*waste oils* tirriżulta mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, u cioe' li kien hemm nuqqas ta' qbil fuq il-volum li kien ġie depożitat. Marbut magħha hemm il-kwistjoni tal-perjodu minn meta beda jiġi depożitat il-*waste oil*.

49. Filwaqt li Enemalta tgħid li ġew depożitati 3,895,000 litri ta' żjut , is-soċjeta konvenuta tgħid li mir-rendikont tagħha inħattu madwar 2,100,000 litri ta' żjut. Mix-xhieda mressqa minn Enemalta jidher li tali diskrepanza hija riżultat tal-fatt li Enemalta kienet toħroġ rċevuti biss meta dak li jkun qiegħed jiġi depożitat huwa *waste oils* u mhux ukoll meta kienu qegħdin jiġu depożitati *oily water*, magħruf ukoll bħala ilma maħmuġ.

50. Dak li jinsisti fuqu Joseph Falzon, xhud tas-soċjeta' konvenuta, fix-xhieda tiegħu huwa li huma dejjem *waste oil* iddepożitaw u qatt ma ddepożitaw ilma. Pero' l-Qorti tosserva li s-soċjeta konvenuta naqset milli tressaq xhieda fir-rigward, naqset milli tressaq ix-xufiera tal-*bowsers* li kienu jiġbru u jiddepożitaw il-*waste oils*, kif ukoll naqset milli tressaq klijenti tagħha li

mingħandhom hija kienet il-materjal eventwalment depożitat fit-tank tal-Enemalta. Tikkontradixxa dak li xhed Joseph Falzon hija kkorrispondenza mibgħutha minnu stess fl-14 ta' Lulju 2003 fejn speċifikament għamel referenza għal *oily waters*: "*This was introduced so that our Company could help the Department of Environment in the collection of waste oils and oily waters* [...]"[15]. Din hija prova minnha nnifisha li s-soċjeta konvenuta kienet attwalment tiddepożita *oily waters* fl-installazzjonijiet ta' Ras Ħanżir, oltre *waste oils*.

51. Isegwi għalhekk illi bħala fatt irriżulta mhux kontestat li mill-ammont li Enemalta tippretendi li ġie depozitat mis-soċjeta konvenuta, ta' lanqas is-soċjeta konvenuta kienet iddepożitat mal-2,144,000 litru ta' *waste oils*, liema volum is-soċjeta konvenuta xorta waħda naqset milli tneħħi nonostante li ġiet interprellata minn Enemalta diversi drabi sabiex tagħmel dan.

52. Marbut ma' din il-kwistjoni hemm ukoll il-kwistjoni ta' minn meta beda jiġi ddepożitat il-*waste oil* mis-soċjeta konvenuta. Filwaqt li Enemalta tagħmel referenza għar-reġistru tagħha u tgħid li l-ewwel depożitu sar f'April 1998, is-soċjeta konvenuta tagħmel referenza għall-irċevuti maħruġa mis-soċjeta attriċi u tgħid li l-ewwel depożitu sar fi Frar 1999. Din il-Qorti tosserva li fil-korrispondenza tat-18 ta' Mejju 2007 ingħad mis-soċjeta konvenuta li hija m'għandha l-ebda rendikont ta' prodotti maħżuna fis-sena 1998. Jiġi wkoll osservat illi b'ittra datata **9 ta' Diċembru 1998** is-soċjeta konvenuta tibda billi tgħid : "*We refer to our storage of waste oil at one of the Coporation's tanks in Ras Ħanżir Installation*". Dan jista' jwassal għall-konklużżjoni waħda, u ċioe' li mhux minnu l-allegazzjoni tas-soċjeta' konvenuta li hija ma ddepożitatx materjal fis-sena 1998.

---

[15] Fol 26 tal-proċess.

53. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħha s-soċjeta' konvenuta tilqa' għat-talbiet attriċi billi tgħid illi "l-waste oil" depożitat mis-soċjeta' konvenuta ġie sussegwentement imħallat ma' prodotti oħrajn ta' terzi "b'mod illi l-kumpanija konvenuta qatt ma setgħet tirtirah". Permezz tar-raba' eċċezzjoni tagħha tgħid illi "minħabba li dan iz-zejt gie commingled ma' ammont daqshekk sostanzjali ta' ilma, izda, dan ma baqax possibbli peress li l-valur taz-zejt li kienet iddepozitat il-kumpanija konvenuta ma baqax hemm, u anzi ma kien hemm ebda uzu ghal dan l-ilma u l-presenza tieghu kienet ser tikkawza obligazzjoni oneruza ta' fejn din il-kwantita' sostanzjali ta' ilma kienet ser tintrema..." Fis-sitt eċċezzjoni tagħha imbaqgħad is-soċjeta' konvenuita tilqa' għat-talbiet attriċi billi tgħid illi "... kienet accettat illi tnehhi z-zejt skond l-arrangament, izda kienet fl-impossibilita' li taghmel dan, minhabba t-tahlita ta' dan il-waste oil ma' prodott iehor; ghalhekk ma jista' qatt jigi addebitat lilha la ksur kontrattwali......"

54. Ix-xhud Alfred Mallia spjega fix-xhieda tiegħu li t-tank fl-ebda ħin ma ingħata lis-soċjeta konvenuta b'esklussivata u kien ċar li kemm il-Koporazzjoni kif ukoll terzi setgħu jibqgħu użaw dak it-tank u fil-fatt kemm l-Enemalta kif ukoll terz ieħor iddepożitaw *waste oils*, għalkemm f'volumi żgħar, fl-istess tank li kien qiegħed jintuża mis-soċjeta konvenuta.

55. Diversi kienu dawk ix-xhieda mressqa minn Enemalta li kkonfermaw li fit-tank 24 kien hemm preżenti mumru konsiderevoli ta' ilma. Fost oħrajn, l-Inġinier Philip Borg spjega li l-ilma kien ġej minħabba l-fatt li beda dieħel l-ilma tax-xita fl-istess tank kif ukoll minħabba l-fatt li kienet is-soċjeta konvenuta stess li kienet tiddepożita ilma maħmuġ fl-imsemmi tank. L-Inġinier Borg spjega li t-taħlit fil-*waste oils* ma kienx ta' detriment, tant li kienet is-soċjeta konvenuta stess li kienet tħallat il-*waste oils*.

56. Charles Cardona u Gaetano Callus ukoll ħalfu li t-taħlit fil-*waste oils* mhux ta' detriment u spjegaw ukoll li l-ilma faċilment seta' jiġi separat minn mal-waste oils.

57. Għalkemm ikun meħtieġ roċess ulterjuri li jeħtieġ isir sabiex jitneħħew il-melħ u l-ilma minn maż-żejt, kif spjega l-epsert David Gauci, is-separazzjoni inizjali tkun ġia bdiet issir fit-tank. Is-soċjeta konvenuta għal darb'oħra naqset milli tikkontradixxi dak li ingħad minn dawn ix-xhieda u naqset ukoll milli tressaq xhieda teknika sabiex tissostanzja l-eċċezzjoni tagħha li kienet fl-impossibilita' li tieħu lura il-materjal li tefgħat fit-tank tal-Enemalta.

58. Ix-xhud Joseph Falzon xhed li Enemalta riedet li s-soċjeta konvenuta l-ewwel tneħħi l-ilma qabel tieħu l-*waste oils* kollox a spejjeż tas-soċjeta konvenuta. Il-Qorti tqis li x-xhud Joseph Falzon kien inkosistenti fix-xhieda tiegħu u x-xhieda tiegħu ma hiex veritiera.

59. Sew ix-xhieda mressqa minn Enemalta kif ukoll il-korrispondenza ezebita ixejnu t-testimonjanza ta' Joseph Falzon. Rilevanti wkoll jiġi osservat illi x-xhieda msemmija ma ġewx kontro eżaminati. Rilevanti wkoll jiġi osservat illi l-allegazzjoni tas-soċjeta' konvenuta li kienet fl-impossibilita' li tieħu lura l-meterjal tfaċċat l-ewwel darba fl-eċċezzjonijiet tagħha mressqa f'din il-kawża ma tiffigura mkien fil-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet fuq medda ta' snin b'tentativi sabiex isibu soluzzjoni bonarja għall-kwistjoni.

60. Fil-fehma tal-Qorti l-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta li kienet fl-impossibilita' li tieħu l-materjal depożitat fit-tank tal-Enemalta ma hiex fondata. Lanqas ma tirriżulta fondata l-allegazzjoni tas-soċjeta' konvenuta li kien hemm kwantita' kbira ta' materjal ta' terzi u tal-istess Enemalta li gie depożitat fl-istess tank. Jirriżulta li l-materjal hekk depozitat kien minimu.

**Danni Kontrattwali**

61. **Artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li "d-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef." Irid jingħad li l-għan għall-ħlas ta' danni jrid ikun dak li jagħmel tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li bagħtiet minħabba l-ksur tal-obbligu kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li jistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti

62. Is-soċjeta konvenuta sostniet li hija kienet iddepożitat 2,144,000 litru ta' *waste oils*. Min-naħa tagħha Enemalta tinsisiti li s-soċjeta konvenuta ddepożitat 3,895,000 litru ta' *waste oils* u *oily water*. L-Inġineir Philip Borg, kif ukoll l-uffiċjali Charles Cardona u Gaetano Cauchi spjegaw li irċevuti kienu jinħarġu biss għal dawk il-litri meqjusa bħala waste oil li jista' jerġa jiġi riċiklat, filwaqt li dak il-waste oil li kien ta' kwalita inferjuri bħal per eżempju *oily water* huma ma kinux joħorġu rċevuti iżda kienu jniżżluhom xorta waħda fir-reġistru tagħhom. Dan kien isir sabiex meta s-soċjeta konvenuta titlob mill-ġdid il-*waste oils* hija ma tieħux aktar minn dak li hija ddepożitat bħala waste oil li huwa ta' kwalita tajba.

63. Il-Qorti tirriskontra nuqqasijiet f'din il-prattika addotata minn Enemalta.

64. Ma tresqet l-ebda raġuni valida għaliex Enemalta kienet tonqos milli toħroġ riċevuta meta l-materjal ma kienx ikun *waste oil*. Kif Enemalta kienet toħroġ irċevuti meta kien qed jiġi depożitat *waste oils / sludge,* setgħet tagħmel l-istess għal-litri li ma kieux meqjusa bħala sludge jew dawk il-litri li kienu meqjusa bħala ilma maħmuġ.

65. Il-Qorti tinnota wkoll li Enemalta ma resqet l-ebda prova dwar liema 'riga' kienet tintuża sabiex jiġi determinat jekk il-materjal li kien qed jiġi depożitat kienx *waste oil* jew kienx ta' kwalita' inferjuri. Il-Qorti tqis ukoll li r-reġistru ma kienx jiġi ffirmat mix-xuffier tal-*bowser*, lanqas ma kien jitniżżel l-isem tax-xuffier jew in-numru ta' reġistrazzjoni tal-*bowser* li kien iħott il-*waste oils.* Bil-mod kif kienet qed topera Enemalta ma ħalliet l-ebda possibilita' li ssir il-verifika dwar min kien qed jiddepożita u kemm materjal li ma kienx jikwalifika bħala *waste oil*. Dan kien *modus operandi* li Enemalta għażlet unilateralment bir-rultat li ma kienx possibbli ssir verifika. Il-Qorti għalhekk m'hijiex moralment konvinta li fid-danni għandhom jidħlu wkoll ammonti li ma humiex koperti b'irċevuta.

66. In vista li rriżulta sodisfaċentement ippruvat illi s-soċjeta' konvenuta iddepożitat żewġ miljuni, mija u erbgħa u erbgħin elf litru (2,144,000 ltr) ta' *waste oil* fit-tank tal-Enemalta; il-Qorti qed tillikwida d-danni sofferti minn Enemalta sabiex tirrimwovi l-imsemmi materjal mit-tank tagħha fis-somma ta' mija u sitta u għoxrin elf, mija u tnejn u ħamsin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€126,152.96)[16] li qed jiġu arrotondati għal €126,200.00.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi,

1. **Tiċħad** it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u tmien eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta;

2. **Tilqa' in parte** s-seba' eċċezzjoni.

---

[16] 2,144.000$m^3$ x €58.84 (valur ta' kull metru kubu kif mogħti mis-soċjeta PT Matic).

3. **Tilqa’** l-ewwel talba, tiddikjara li s-soċjeta konvenuta kellha obbligu li tneħħi l-prodott depożitat minnha fit-tank proprjeta tas-soċjeta’ attriċi Enemalta plc ġia Korporazzjoni Enemalta;

4. **Tilqa’** t-tieni talba, tiddikjara li s-soċjeta konvenuta naqset milli teżegwixxi l-obbligu kontrattwali tagħha li tneħħi l-prodott depożitat minnha fit-tank proprjeta tal-attriċi u li dan in-nuqqas ikkawża danni lill-attriċi minħabba li kellha hi stess tneħħi l-materjal hekk depożitat;

5. **Tilqa’** t-tielet talba, tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attriċi fis-somma ta’ mija u sitta u għoxrin elf, u mitejn ewro (€126,200.00);

6. **Tilqa’** r-raba’ talba, tikkundanna lis-soċjeta konvenuta tħallas lil Enemalta p.l.c. s-somma hekk likwidata ta’ €126,200.00 bl-imgħax legali millum sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal terz (1/3) mill-attriċi u żewġ terzi (2/3) mill-konvenuta, tenut kont id-differenza bejn id-danni reklamati mill-attriċi u d-danni likwidati u akkordati mill-qorti.

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

27 ta’ April, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**